MALTA

# QORTI CIVILI
# (SEZZJONI TAL-FAMILJA)

**ONOR. IMHALLEF**
**RAYMOND C. PACE**

Seduta tad-9 ta' Dicembru, 2004

Citazzjoni Numru. 505/1996/1

**Lucia Attard f' isimha propju u ghan-nom ta' uliedha minuri Brian u Dylon**

**vs**

**George Attard**

**Il-Qorti,**

## I. PRELIMINARI.

Rat ic-citazzjoni attrici datata 14 ta' Frar 1996 a fol. 1 tal-process fejn gie premess:-

Illi l-hajja konjugali u l-koabitazzjoni bejn il-partijiet saru mpossibbli, u dan ghar-ragunijiet diga' migujba quddiem is-Sekond' Awla tal-Qorti Civili li b' digriet tat-18 ta' Jannar 1996, awtorizzat li tinbeda s-separazzjoni;

Illi dawn ir-ragunijiet huma eccessi, sevizji w ingurji gravi *oltre* li z-zwieg taghhom tkisser irremdejabilment;

Illi minn dan iz-zwieg hemm zewg subien minuri Brian u Dylon;

Illi, l-istess attrici talbet lil din l-Qorti sabiex ghar-ragunijiet premessi:-

1. Tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dana bi htijiet imputabbli lilu, u dan ghar-ragunijiet premessi;

2. Tiffissa r-retta alimentarja ghall-attrici u timponi wkoll il-modalitajiet tal-hlas tal-istess retta;

3. Tiddikjara xolta l-komunjoni tal-akkwisti gja ezistenti bejn il-partijiet, tillikwida l-istess u tassenja nofs lill-attrici u nofs lill-konvenut;

4. Tapplika kontra l-istess konvenut il-provvidimenti tal-**artikolu 48 u 50 sa 55 tal-Kodici Civili;**

5. Tafda l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Brian u Dylon kif ukoll li tordna lill-istess konvenut ihallas retta alimentarja ghaliha lill-attrici bil-modalitajiet tal-hlas tal-istess;

6. Tassenja d-dar konjugali lill-attrici taht dak it-titlu u taht dawk il-provvedimenti xierqa ghal kaz;

7. Tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez kontra l-konvenut, ingunt ghas-subizzjoni, inkluzi fl-ispejjez tas-Sekond' Awla tal-Qorti Civili.

Rat id-dikjarazzjoni attrici, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 3 u 4 tal-process;

Rat id-dokumenti esebiti.

Rat id-digriet ta' din il-Qorti diversament preseduta mill-Onorevoli Imhallef Vincent Degaetano datat 17 ta' Frar

1996 fejn ordna lill-attrici tesebixxi certifikati formali tat-twelid tal-minuri u taz-zwieg tal-partijiet u rikors ghan-nomina ta' kuratrici *ad litem* tal-minuri.

Rat in-nota attrici fejn gew esebiti l-istess certifikati, datata 29 ta' Frar 1996.

Rat ir-rikors ta' Lucia Attard datat 11 ta' Marzu 1996, a fol. 14, fejn talbet bir-rispett illi din l-Qorti tahtara kuratrici *ad litem* fil-kawza fl-ismijiet premessi u dana biex tirrapprezenta lil Brian u Dylon ulied minuri tal-istess Lucia u George Attard.

Rat id-digriet datat 30 ta' Ottubru 1996, a fol. 15, fejn il-Qorti presjeduta mill-Onorevoli Imhallef Noel Arrigo laqghat it-talba.

Rat in-nota tal-eccezzjonijiet ta' Geogre Attard datata 15 ta' Novembru 1996 a fol. 21 tal-process fejn ecepixxa bir-rispett:-

1. Illi fl-ewwel lok l-eccipjenti jirrespingi t-talba attrici in kwantu huwa ma kienx fi htija ghall-allegat tkissir taz-zwieg;

2. Illi kwantu ghall-pretensjoni tal-attrici dwar l-affidament tal-kura u kustodja tal-ulied minuri komuni ghandu jinghad illi kienet l-istess attrici li accettat li l-kura u kustodja tigi affidata lill-eccipjenti, kif hekk baqa' jsehh, anke wara li l-attrici allontanat ruhha mid-dar konjugali;

3. Illi kwantu ghall-pretensjoni ghall-alimenti l-attrici ghandha impjieg *full time* bhala S.R.N. u l-introjtu taghha huwa akbar minn dak tal-eccipjenti. L-istess attrici ma hija tikkontibwixxi xejn ghall-kura u kustodja tal-ulied;

4. Illi dwar id-dar konjugali ghandu jinghad li l-eccipjenti jghix fiha flimkien ma' wliedu u l-attrici stess kienet qablet ma' dan l-arrangament;

5. Illi salv eccezzjonijiet ohra.

Rat id-dikjarazzjoni tal-konvenut, il-lista tax-xhieda u l-elenku tad-dokumenti a fol. 22 u fol. 23 tal-process.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Marzu 1997 u dak tat-13 ta’ Marzu 1997 fejn il-Qorti diversament presjeduta kif inghad innominat lil Dr. Mariella Gonzi bhala Assistent Gudizzjajru, biex tigbor il-provi f’ din il-kawza.

Rat il-verbal tal-10 ta’ Gunju 1997 fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi qed jingabru.

Rat is-seduti quddiem l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi datati 20 ta’ Mejju 1997, 2 ta’ Frar 1998, 25 ta’ Ottubru 1999, 6 ta’ Marzu 2000, 14 ta’ Marzu 2000, 15 ta’ Mejju 2000, 26 ta’ Gunju 2000, 27 ta’ Frar 2001, 6 ta’ Settembru 2001, 26 ta’ Novembru 2001 u 29 ta’ Ottubru 2002, 16 ta’ Dicembru 2002, 16 ta’ April 2003, 7 ta’ Lulju 2003, 26 ta’ Settembru 2003, 21 ta’ Ottubru 2003, 25 ta’ Novembru 2003 fejn ma sar xejn; tal-5 ta’ Gunju 1997, 21 ta’ Lulju 1997, 21 ta’ Mejju 1998, 27 ta’ Lulju 1998, 26 ta’ Mejju 1999, 21 ta’ Lulju 1999, 23 ta’ Settembru 1999 u 30 ta’ Ottubru fejn xehdet l-attrici, (hafna drabi in kontro-ezami) ; 21 ta’ Lulju 1997  fejn xehed Carmelo Vella, missier l-attrici; 28 ta’ Marzu 2000 fejn xehed Paul Gambina, George Borg, Adrian Borg, u Fr. Joseph Brincat prodotti mill-attrici; 30 ta’ Ottubru 2003 fejn xehed il-konvenut.

Rat ir-rikors tal-konvenut George Attard, datat 20 ta’ Mejju 1998, li gie degrat fil-15 ta’ Lulju 1999 gie decretat li l-attrici ghandha tikkontribwixxi ghall-manteniment tal-minuri Brian u Dillon fl-ammont ta’ Lm70 fix-xahar.

Rat il-verbal datat 20 ta’ Jannar 2000 u ta’ l-1 ta’ Gunju 2000  fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru b’ mod regolari u dan minn Dr. Edwina Grima.

Rat ir-rikors tat-Tabib Principali tal-Gvern, datat 23 ta’ Marzu 2000, a fol. 112, fejn talab umilment lil Qorti biex tezentah milli jidher il-Qorti sabiex jaghti x-xhieda tieghu kif indikat fit-tahrika.

Rat il-verbal datat 4 ta’ Dicembru 2000, fejn il-Qorti giet infurmata minn Dr. Edwina Grima li l-provi kienu qed jingabru b’ mod regolari.

Rat il-verbal datat 18 ta’ Gunju 2001, fejn il-Qorti giet infurmat minn Dr. Philip Sciberras li kien hemm possibilta’ ta’ ftehim bonarju.

Rat il-verbal datat 2 ta’ Novembru 2001, fejn il-Qorti giet infurmata li l-provi kienu qed jingabru b’ mod regolari.

Rat l-avviz tal-Qorti datat 22 ta’ Frar 2002, fejn gie ordnat li din il-kawza tigi differita quddiem din il-Qorti kif diversament presjeduta ghat-22 ta’ Mejju 2002.

Rat il-verbal datat 22 ta’ Mejju 2002 quddiem din il-Qorti kif presjeduta fejn Dr. Edwina Grima ghall-attrici ddikjarat li baqghalha biss seduta wahda biex taghlaq il-provi. Inghata digriet affidavit tal-konvenut b’ terminu ta’ 40 gurnata. Dr. Edwina Grima kellha tirregola ruhha mar-rikors tal-14 ta’ Jannar

Rat in-nota ta’ l-Assistenta Gudizzjarja Dr. Mariella Gonzi a fol. 133 tal-process li informat il-Qorti li fis-16 ta’ Dicembru 2002 kien hemm seduta ghall-provi konvenut.

Rat il-verbal datat 7 ta’ Novembru 2002, fejn il-Qorti estendit iz-zmien ghall-ahhar darba ghall-prezentata tal-affidavit b’ terminu ta’ hamsin (50) gurnata. Il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarja biex wara tali terminu tiffissa erba’ (4) seduti ghall-provi kollha tal-konvenut, b’ mod li wara tali seduti l-provi gew kellhom jigu dikjarati maqghluqa.

Rat in-nota tal-konvenut datata 30 ta’ Settembru 2003, a fol. 135, li permezz taghha esebixxa l-affidavit tieghu u ta’ ibnu Brian Attard.

Rat il-verbal datat 5 ta’ Novembru 2003, fejn il-Qorti ordnat lil Assistent Gudizzjarju biex izzomm l-ahhar seduta li kienet diga’ iffissata.

Rat ir-rikors datat 25 ta' Marzu 2004, fejn Dr. Pawlu Lia talab bis-rispett lil din l-Onorabbli Qorti biex tiddefferixxi l-kawza ghal data ohra.

Rat id-digriet datat 26 ta' Marzu 2004, fejn il-Qorti kellha tipprovdi seduta *stante.*

Rat il-verbal datat l-1 ta' April 2004, fejn Dr. Edwina Grima nfurmat lil Qorti li l-provi kienu maghluqa.

Rat il-verbal datat 10 ta' Gunju 2004, fejn Dr. Edwina Grima ghall-attrici prezentat nota u l-kawza giet differita ghas-sentenza.

Rat in-nota tal-attrici a fol. 160 tal-process.

Rat is-seduti mizmuma quddiem l-Assistent Gudizzjarju Dr. Mariella Gonzi.

Rat ix-xhieda prodotta.

Rat l-atti kollha l-ohra tal-kawza.

## II. <u>KONSIDERAZZJONIJIET.</u>

Illi din hija kawza ta' separazzjoni li ilha pendenti iktar minn tmien snin u jidher car li l-partijiet kkontribew sew sabiex din il-kawza ddum dan il-perjodu kollu, l-iktar meta wiehed jikkonsidra li, apparti nuqqasijiet ohra, saru sittax il-seduta ghal xejn quddiem l-Assistenta Gudizzjarja imqabbda mill-Qorti sabiex tisma' l-provi, peress li f'dawn is-sittax-il (16) seduta ma' ingabu l-ebda provi; seduti ohra saru sabiex tixhed l-attrici u l-kontro-ezami taghha li ha diversi seduti, f'seduta minnhom xehed missier l-attrici u f'ohra rappresentanti tal-banek u f'ohra l-konvenut li wkoll ipprezenta l-affidavit tieghu.

Illi intant minn ezami tal-provi prodotti ma hemm l-ebda dubju li l-konvivenza bejn il-partijet ma' ghadhiex aktar possibbli anke peress li l-partijiet ilhom jghixu

separatament minn xulxin minn Settembru 1995 u dan ghaliex l-istess attrici abbandunat id-dar konjugali.

Illi dwar l-allegazzjoni attrici din il-Qorti thoss li gie sostanzjalment ippruvat li l-istess attrici telqet mid-dar konjugali peress li hija kienet giet imsawta u mhedda mill-konvenut; fil-fatt l-istess Qorti wara li ezaminat ix-xhieda ta’ l-attrici w ukoll dik tal-konvenut thoss li versjoni ta’ l-attrici hij iktar kredibbli u verosimili u ghalhekk din il-Qorti thoss li l-attrici ppruvat li l-konvenut kien jghahti primarjament ghall-firda bejn I-partijiet minhabba eccessi, sevizzi u theddid; min naha l-ohra wara dan l-istess attrici ammettiet li kellha relazzjoni adultera u ghalhekk hija wkoll tahti ghal dan il-pronunzjament tas-separazzjoni bejn il-partijiet, b’dan li l-agir taz-zewg partijiet irrenda l-konvivenza ta’ bejn il-partijiet mhux aktar possibbli u b’hekk ukoll li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli ghalhekk liz-zewg partijiet.

Illi dwar it-talba attrici ghall hlas ta’ manteniment, din ghandha tigi michuda peress li l-istess attrici qed jigu applikati kontra taghha id-disposizzjonijiet ta’ l-**artikolu 48 tal-Kap 16,** b’dan li l-istess disposizzjonijiet qed jigu applikati kontra l-konvenut. Fi kwalunkwe kaz jigi ddikjarat li kull parti ghandha l-introjtu taghha.

Illi dwar il-komunjoni ta’ l-akkwisti din qed tigi ddikjarata xolta b’effett minn Settembru 1995.

Illi dwar l-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, *in vista* tal-provi prodotti, u wkoll fir-rigward tan-nota ta’ l-attrici datata 10 ta’ Gunju 2004 tiddeciedi *arbitro boni viri* billi tordna li dik li kienet id-dar konjugali, Allev, Dun Guzepp Demicoli Street, Ghaxaq,  tibqa’ posseduta in komun bejn il-partijiet konjugi Attard sal-ahhar ta’ Dicembru 2007, u cjoe’ s-sena meta l-izghar tifel minn ulied tal-kontendenti jaghlaq 18 il-sena, b’dan li sa dak il-perjodu l-istess konvenut, fl-interess tal-minuri jibqa’ bid-dritt li jghix esklussivament fl-istess dar flimkien ma’ uliedu. L-istess fond immobbli Allev, Dun Guzepp Demicoli Street, Ghaxaq,  ghandu wara tali perjodu li

jispicca f'Dicembru 2007 (b'dan li wara l-istess data ta' Dicembru 2007 jispicca d-dritt tal-konvenut li jghix esklussivament fl-istess immobbli,) jinbiegh in subbasta bil-pussess vakanti, b'dan li r-rikavat ta' l-istess ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi apparti dan din il-Qorti tordna li l-konvenut jigi assenjat il-mobbli kollha li jinsabu fl-istess fond, anke peress li l-attrici bin-nota fuq riferita indikat li ma' ghandha l-ebda interess ulterjuri fl-istess, filwaqt li l-istess attrici tibqa' izzomm dak kollu li jinsab fl-pussess taghha, b'dan li qed tigi assenjata wkoll lill-attrici l-vettura Hyundai, b'dan li hija tibqa' responsabbli ghal kull dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess vettura.

Illi ghal dak li huma depositu bankarji kull parti tibqa' zzomm d-depoziti bankarji li jinsabu intestati f'isimha, u jekk hemm xi depozitu bankarju f'isem kongunt taz-zewg partijiet dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet.

Illi dwar kura u kustodja ta' ulied il-kontendenti li baqghu minuri tordna li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Brian u Dylon ghandha tigi fdata f'idejn il-konvenut bi dritt ta' access favur l-attrici kif attwalment qed jigi prattikat u wkoll kif tkun ix-xewqa ta' l-istess ulied il-kontendenti *stante* li din il-Qorti thoss li l-istess minuri llum ghandhom l-eta' taghhom biex jiddeciedu; f'dan il-kuntest tordna li l-ebda parti ma' ghandha taghmel xi forma ta' pressjoni fuq il-minuri dwar l-istess access.

Illi din il-Qorti tordna li l-istess minuri ghandhom jigu mantnuti mil-istess konvenut, b'dan pero' li din il-Qorti qed tordna lill-attrici sabiex tikkontribwixxi bhala s-sehem taghha ta' manteniment ghall-istess minuri l-ammont ta' sebghin Lira Maltija (Lm70) fix-xahar, liema ammont ghandu jibqa' applikabbli sakemm l-izghar fost ulied il-kontendenti Brian u Dylon issir maggorenni, u liema ammont ghandu jithallas direttament mill-paga tal-attrici lill-konvenut ghan-nom ta' l-istess minuri, u dan mill-*employer* ta' l-istess attrici, u dan kull xahar bil-quddiem, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta' din is-sentenza tigi notifikata lill-employer ta' l-attrici a spejjez ta' l-istess

konvenut, sabiex l-istess *employer* ta' l-attrici jaderixxi ruhhu ma' l-istess. Illi din il-Qorti thoss li l-ammont ta' Lm70 ghandu japplika anke llum minkejja dak allegat mill-attrici, u s-somma anke jekk tiehu l-introjtu dikjarat tal-partijiet, li jrid jigi aggustat ghal-lum xorta huwa wiehed konservattiv, tenut kont tal-hajja llum u bzonnijiet ta' dawk li huma llum guvintur.

## III. KONKLUZJONI.

Illi ghalhekk ghal dawn il-motivi, din il-Qorti, **taqta' u tiddeciedi,** billi filwaqt li tichad l-eccezzjonijiet tal-konvenut biss in kwantu l-istess huma b'xi mod inkompatibbli ma' dak hawn deciz, u filwaqt li **tichad it-tieni u s-sitt talba attrici, u tilqa' t-talbiet attrici l-ohra biss fis-sens hawn dikjarat u deciz,** b'dan illi:-

(1) Tilqa' l-ewwel talba biss fis-sens li tiddikjara s-separazzjoni bejn il-kontendenti u dan ghar-ragunijiet primarjament imputabbli lill-konvenut *stante* li huwa rrenda ruhhu hati *verso* l-attrici ta' eccessi, sevizzi u theddid, filwaqt li l-istess attrici, wara li abbandunat id-dar konjugali rrendiet ruhha hatja *verso* l-konvenut ta' adulterju u ghalhekk hija wkoll tahti ghal dan il-pronunzjament tas-separazzjoni bejn il-partijiet, b'dan li l-agir taz-zewg partijiet irrenda l-konvivenza ta' bejn il-partijiet mhux aktar possibbli u b'hekk ukoll li z-zwieg bejn il-partijiet tkisser irremedjabilment ghar-ragunijiet imputabbli ghahekk liz-zewg partijiet;

(2) Tichad din it-talba *stante* li l-attrici llum ma' ghandha l-ebda dritt ta' manteniment minghand il-konvenut u wkoll jigi ddikjarat li l-istess konvenut lanqas ghandu dritt ta' manteniment kontra l-attrici u dan ghaliex kif ser jinghad qed jigi applikat kontra kull parti d-disposizzjoni tal-**artikolu 48 tal-Kap 16,** kif ser jigi ndikat anke abbazi tar-raba' talba attrici;

(3) Tilqa' din it-talba u tordna li l-komunjoni tal-akkwisti tigi ddikjarata xolta b'effett minn Settembru 1995;

Illi dwar il-likwidazzjoni u d-divizjoni tal-komunjoni tal-akkwisti, *in vista* tal-provi prodotti, u wkoll fir-rigward tan-nota tal-attrici datata 10 ta' Gunju 2004 tiddeciedi *arbitro boni viri* billi:-

(a) Tordna li dik li kienet id-dar konjugali, Allev, Dun Guzepp Demicoli Street, Ghaxaq, tibqa' posseduta in komun bejn il-partijiet konjugi Attard sa' l-ahhar ta' Dicembru 2007, b'dan li sa dak il-perjodu l-istess konvenut, fl-interess tal-minuri jibqa' bid-dritt li jghix esklussivament fl-istess dar flimkien ma' uliedu;

(b) Tordna wkoll li l-istess fond immobbli Allev, Dun Guzepp Demicoli Street, Ghaxaq, ghandu wara tali perjodu fuq indikat li jispicca f'Dicembru 2007 (b'dan li wara l-istess data ta' Dicembru 2007 jispicca d-dritt tal-konvenut li jghix esklussivament fl-istess immobbli,) jinbiegh in subbasta bil-pussess vakanti, b'dan li r-rikavat ta' l-istess bejgh ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

(c) Tordna wkoll li l-konvenut jigi assenjat il-mobbli kollha li attwalment jinsabu fl-istess fond immobbli llum, filwaqt li l-istess attrici tibqa' zzomm dak kollu li jinsab fl-pussess taghha, b'dan li qed tigi assenjata wkoll lill-attrici l-vettura tal-marka *Hyundai*, b'dan li hija tibqa' responsabbli ghal kull dejn li jista' jkun hemm fuq l-istess vettura. Illi *in linea* generali dwar mobbli kull parti qed tigi assenjata dak li llum ghandha effettivament fil-pussess taghha;

(d) Illi ghal dawk li huma depoziti bankarji kull parti tibqa' zzomm d-depoziti bankarji li jinsabu intestati f'isimha, u jekk hemm xi depozitu bankarju f'isem kongunt taz-zewg partijiet dan ghandu jinqasam bin-nofs bejn il-partijiet;

4. Tilqa' din it-talba biss fis-sens li tapplika kontra kull parti il-provvedimenti tal-**artikolu 48 Kodici Civili** u ghall-fini tal**-artikolu 48 (1) (c)** qed jigi stabilit iz-zmien meta kull parti tat lok ghall-firda personali bhala dik ta' Settembru 1995;

5. Tilqa’ din it-talba biss fis-sens li l-kura u l-kustodja tat-tfal minuri Brian u Dylon ghandha tigi fdata f’idejn il-konvenut bi dritt ta’ access favur l-attrici kif attwalment qed jigi prattikat u wkoll kif tkun ix-xewqa ta’ l-istess ulied il-kontedenti *stante* li din il-Qorti thoss li l-istess minuri llum ghandhom l-eta’ taghhom biex jiddeciedu; f’dan il-kuntest tordna li l-ebda parti ma’ ghandhiex taghmel xi forma ta’ pressjoni fuq il-minuri dwar l-istess access;

Illi din il-Qorti tordna li l-istess minuri ghandhom jigu mantnuti mil-istess konvenut, b’dan pero’ li din il-Qorti qed tordna lill-attrici sabiex tikkontribwixxi bhala s-sehem taghha manteniment ghal l-istess minuri l-ammont ta’ sebghin Lira Maltija (Lm70) fix-xahar, liema ammont ghandu jibqa’ applikabbli sakemm l-izghar fost ulied il-kontendenti Brian u Dylon isir maggorenni, u liema ammont ghandu jithallas direttament mill-paga tal-attrici lill-konvenut ghan-nom ta’ l-istess minuri, u dan mill-*employer* ta’ l-istess attrici, u dan kull xahar bil-quddiem, u ghal dan l-iskop tordna li kopja legali ta’ din is-sentenza tigi notifikata lill-employer tal-attrici a spejjez ta’ l-istess konvenut, sabiex l-istess *employer* tal-attrici jaderixxi ruhhu ma’ l-istess;

6. Tichad din it-talba *stante* li m’ huwiex il-kaz;

7. Tilqa’ din it-talba u tawtorizza lill-attrici li tibda tuza kunjom xbubitha;

Bl-ispejjez inkluzi dawk tal-proceduri tas-Sekond’ Awla tal-Qorti Civili jinqasmu bin-nofs bejn iz-zewg partijiet;

Illi *inoltre* minhabba li l-partijiet abbuzaw mill-proceduri quddiem din il-Qorti u dan huwa rifless mill-fatt li din il-kawza damet dawn is-snin kollha pendenti principarjament ghaliex l-istess partijiet ma’ resqux provi b’numru kbir ta’ seduti ffisati appositivament ghalihom mill-Assistenta Gudizzjarja, fejn jidher li l-attrici biss biss ghalqet il-provi taghha wara s-sena 2002, cjoe’ sitt snin wara li giet intavolata minnha din il-kawza w ukoll il-mod kif il-konvenut rregola l-gbir tal-provi tieghu, b’dan li jirrizulta bla ebda dubju li z-zewg partijiet tawlu l-proceduri

bla bzonn, din il-Qorti b'applikazzjoni *tal*-**paragrafu 10 tal-Iskeda "A" tal-Kap 12 tal-Ligijiet ta' Malta** tordna lilll-attrici thallas is-somma ta' erba' mitt lira Maltija (Lm400) bhala spejjez adizzjonali fir-Registru tal-Qorti, u min-naha l-ohra lill-konvenut ihallas is-somma ta' mitejn u hamsin lira Maltija (Lm250) ukoll bhala spejjez addizzjonali fir-Registru tal-Qorti, liema hlasijet ghandhom isiru minn kull parti fi zmien tlettin (30) gurnata mid-data ta' din is-sentenza.

**Moqrija**

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------